MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 255/2007

**Onor. Anthony sive Ninu Zammit**

**Vs**

**Frans Ghirxi noe**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar s-sbatax (17) t’Awwissu 2007 fejn talab lil prevja li din il-Qorti tiddeciedi li l-artikolu ntitolat “*Gvern ikkankrat bil-korruzzjoni*” ppublikat f’pagna 2 tal-gurnal “*L-Orizzont*” ta’ nhar it-Tnejn, tlettax (13) t’Awwissu 2007, li hu tieghu l-editur, dwar il-kumpens li jhallas lil attur in konnessjoni mal-espropprazzjoni ta’ bictejn art quddiem id-dar tal-attur fiz-Zurrieq, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu billi joffendi l-unur u l-fama tieghu u jesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku u sabiex ihallas lil-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti, ai termini tal-artikolu 28 tal-Att Dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet ovvero risposta ta' Frans Ghirxi ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sbatax (17) ta' Settembru 2007 (fol. 7) fejn eccepixxa s-segwenti:-

"*1. Illi hu m'ghamilx haga ohra hlief wassal lil pubbliku dak li ntqal f'konferenza politika miftuha ghal pubblikju – haga li l-esponenti kellu d-dritt jaghmel ai termini tal-artikolu 12A tal-Ligi tal-Istampa;*

*2. Illi l-agir tal-esponent kien wkoll konformi mad-dmir tieghu li jwassal lil pubbliku taghrif dwar dak li jkun qed jigri u qed jinghad u li jkun t'interess pubbliku kif indubbjament kien l-kaz odjern;*

*3. Salv eccezzjonijie ohra."*

Semghet lil **Onorevoli Anthony sive Ninu Zammit** jixhed fis-seduta tat-tnax (12) ta' Dicembru 2007 (fol. 10) u dan qal li fit-tlettax (13) t'Awwissu 2007 hu kien qara artikolu fil-gazzetta l-'Orizzont' intitolat 'Gvern ikkankrat bil-korruzzjoni' ppublikat f'pagna tnejn tal-istess artiklu. Qal li dan l-artiklu kien jikkoncentra dwar il-kumpens li kien gie moghti lilu dwar l-esproprazzjoni ta' bicctejn art quddiem id-dar tieghu fiz-Zurrieq u hu hass li dan l-artiklu kien libelluz fil-kontenut. Qal li fil-kolonna numru tnejn (2) ta' dan l-istess rapport taht il-*heading* 'Gvern ikkankrat bil-korruzzjoni' hemm imnizzel li l-mexxej laburista Dr. Alfred Sant qal li dan l-ahhar il-bicca art li ttiehdet minn quddiem id-dar residenza ta' l-Onorevoli Ministru Zammit hu gie moghti kumpens ta' sebghin elf lira. Zied jghid li dan l-artiklu jkompli jghid li Dr Sant talbu jispjega kif kien inghata dan ir-rigal u x-xhud qal li hu hassu ngurjat bil-kelma 'rigal' ghaliex fil-fatt hu ma ha ebda rigal izda huwa dritt li jittiehed minn kull cittadin Malti u Ghawdxi. Qal li sussegwentement minhabba din il-kwistjoni, l-istess rapport ighid li l-Gvern Nazzjonalista huwa kkankrat bil-korruzzjoni. Spjega li din l-art kienet parti mill-art tieghu. Qal li hu kien applika taht il-ligi tal-Building Development Act fejn l-art tieghu kienet tikkwalifika u nhareg il-permess wara hames snin sabiex jibni din l-istess art. Qal li kien

applika bin-number 44489/83. Spjega li hu ghandu faccata fuq St Andrew’s Street ta’ madwar mija u sebgha u tmenin pied. Qal li meta tapplika u jkun hemm hajt tas-sejjieh fuq triq diga’ ezistenti, l-linja ta’ *development* tigi rtirata ‘l gewwa w inti trid tipprovdi sa nofs it-triq art minn tieghek. Qal li fil-fatt l-art ta’ magenbu wkoll ittiehdet u fil-fatt sahansitra ta’ magenbu wkoll kien thallas u gie kumpensat. Qal li hu pero’ stenna u wara li ghaddew l-ghaxar snin kif imsemmija fl-artikolu 19 ta’ l-Arbitration Act, applika skond il-ligi biex njehu l-kumpens fuq l-artijiet li gew mittiehda for *public use* u cioe’ mhux fuq dik l-art li hu applika ghall-wisa’ tal-faccata. Zied jghid li naturalment ghadda l-process kif ighaddi kulhadd u harget l-*acquisition notice* fil-gazzetta tal-gvern. Qal li l-kumpens kien xi erbgha u erbghin elf lira pero’ nghata l-interessi fuq din is-somma kif jinghata kulhadd ta’ 5% u dana mid-data li din l-istess art giet mehuda ghall-uzu pubbliku. Qal li ghalhekk, l-ammont tela’ ghal sebgha u sittin elf liri Maltin (LM67,000). Ix-xhud emfasizza li ma kienx rigal, izda kien dritt tieghu li hu jigi kkumpensat b’dan il-mod. Qal li naturalment kulhadd ghandu dritt jithallas skond il-ligi. Kompla jghid li hu hassu offiz kif gie formulat l-artikolu billi l-kwistjoni tieghu u cioe’ fejn hu gie kumpensat, gie mdahhal taht it-titlu ‘*Gvern ikkankrat bil-korruzzjoni*’ w ghalhekk din tfisser li hu ha r-rigal tieghu permezz ta’ korruzzjoni, ghalinqas hekk fehma hu. Qal li hassu ngurjat ghax effettivament ma kien rigal xejn, izda kien kumpens skond il-ligi.

Illi nhar it-tmienja (8) t’April 2008 **l-attur** rega’ xehed (fol. 14) u esebixxa bhala Dok. CSH l-permess originali li huwa kien hareg fuq l-applikazzjoni li ghamel dwar il-propjeta’ li ghandu fuq St Andrew’s Street Zurrieq. Qal li l-permess li kien applika ghalih, kellu faccata ta’ *thirty seven feet*. Esebixxa bhala Dok. CSH 1 kopja *reduced scale* pjanta tad-dar li applika biex jibni f’din it-triq St Andrew’s Street. Qal li t-*thirty seven feet* hija ndikata u l-Qorti mmarkata b’zewgt islaleb minn naha ghal ohra. Qal li wiehed ghandu jinnota wkoll li anke fuq is-*site plan* fuq l-istess dokument fuq il-faccata ta’ *thirty seven feet frontal*. Spjega ghal-liema parti hu applika ghall-kumpens. Qal naturalment ghal dik l-art li ma tinkludix din it-*thirty seven*

*feet*. Esebixxa pjanta bhala Dok. CSH 2 u spjega li fuq din il-pjanta hemm zewg *areas* li huma *shaded* u li dawk huma l-*area* li m'humiex it-*thirty seven feet*. Qal li t-*thirty seven feet* hija dik il-parti li m'hijiex *shaded*. Zied jghid li hu talab kumpens fuq dawn iz-zewg bicciet art li huma *shaded* kulur iswed u li dawn fihom *area* ta' madwar *hundred and thirty one square metres* ghaliex jaqsam l-*area* tar-razzett. Spjega li r-razzett kellu faccata *forty seven feet* fond u *thirty one feet* fond. Qal li wara li kien beda jibni kien gie nfurmat li kellu jirtira mhux biss f'dik il-parti tat-*thirty seven feet* izda fuq il-faccata kollha, *hundred and eighty seven feet* w ghalhekk wara li ghadda z-zmien u wara ma kienx ircieva in-*notice of expropriation* b'mod ufficjali fit-2005 fejn kien applika biex johrog il-permess. Qal li hu kien tefa' l-applikazzjoni tieghu wara li l-girien tieghu kienu gia thallsu ghall-kumpens misthoqq lilhom. Qal li sussegwentement in-*notice* min-naha tal-gvern kienet harget fit-2007, sentejn wara li hu kien applika. Qal li kien hemm kazijiet ohra fejn saret *requisition for public use bvb* li kienet ferm ghola minn tieghu. Qal li lilu ttehditlu art ta' *area* ta' *hundred and thirty seven square metres* u l-kumpens offrut ta' madwar *forty four thousand* u dan ghaliex il-kumplament li nghata is-somma tieghu kienet dovuta lilu bhala nteressi fuq is-somma u b'hekk thallas is-somma ta' *two hundred thirty five pounds per square metres*. Qal li mill-verifiki li ghamel irrizultalu li kien hemm kazijiet ohra li thallsu fis-sena 2002 fejn ir-rata *per square metre* kienet ta' *eight hundred and twenty pounds,* pero' din mhux fl-istess *area* taz-Zurrieq. Qal li dan il-kaz huwa *file number* DD 1146/84 u l-art kienet Birkirkara u art li fiha 110 *square metres* u fuqha kien hemm bini kkundannat. Din l-art ittiehdet minghand il-mara ta' Charles Mangion. Qal li hu ha ghalih meta Frans Ghirxi gie biex jirraporta dak li allegatament kien qal Dr. Alfred Sant fit-tnax (12) t'Awwissu waqt li kien qed jaghmel diskors fil-Mosta. Ix-xhud esebixxa bhala Dok. CSH 3, certifikat mahrug mir-registratur ta' l-istampa li tindika li fil-jum tat-tlettax (13) t'Awwissu 2007 il-konvenut Frans Ghirxi kien editur tal-gazzetta 'L-Orizzont'. Ix-xhud kompla jghid li kien qed jaghmel referenza ghad- diskors li kien ghamel l-Onorevoli Dr. Sant nhar it-tnax (12) t'Awwissu 2007 il-Mosta liema

diskors kien gie rrapurtat l-ghada t-Tnejn tlettax (13) t'Awwissu 2007. Ix-xhud esebixxa kopja ta' dan id-diskors bhala Dok. CSH 4. Spjega li f'dan id-diskors Dr. Alfred Sant kien semma' rregolaritajiet u allegazzjonijiet fuq korruzzjoni li saru minn nies ohrajn. Qal li fil-fatt huwa ghamel referenza li hu (ix-xhud) gab il-bocca fejn il-likk. Qal li dan kien zbaljat ghax effettivament hu (ix-xhud) kien gie moghti dak li kien intitolat ghalih.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin (22) ta' Mejju 2008, **l-attur** rega' xehed (fol. 31) fejn esibixxa d-Dok. Z (fol. 33) li jindika li nhar t-tlettax (13) t'Awwissu 2007, l-konvenut Frans Ghirxi kien l-editur tal-gazzetta 'L-Orizzont'. Qal li l-mod kif thallas l-kumpens kienet kwistjoni *standard* li kull cittadin fil-pajjiz li jkollu l-art li tittehidlu ghal uzu pubbliku. Ix-xhud esibixxa kuntratt bhala Dok. NZ (fol. 34 et seq), li sar ma persuna ohra li ttehditlu l-art wkoll 210 *square metres* li fuqhom kien hemm bini kkundannat, bini li kien mikri. Qal li barra li l-gvern dahal responsabbli biex jipprovdi akkomondazzjoni alternattiva ghal dawk li kienu joqghodu fil-kerrejjiet fuq din l-art, il-gvern hallas kumpens lil sid l-art li ttehditlu l-art bir-rata ta' mitejn u hamsa w ghoxrin lira maltin *per square metres*, jigifieri fuq area ta' 210 *square metres* thallsu madwar disghin elf lira maltin. Qal li din il-mara ma kienet hadd hlief l-mara ta' Charles Mangion.

Illi nhar l-erbatax (14) t'Ottubru 2008, **l-attur** rega' xehed (fol. 39) fejn ghamel referenza ghax-xhieda tieghu tat-tnejn w ghoxrin ta' Mejju 2008 fejn qal li dwar l-i*square metres* li huwa msemmi fit-tieni paragrafu u cioe '210', dan ghandu jigi kancellat u sostitwit bin-numru '110. Zied jghid li dan japplika wkoll aktar 'l isfel fl-istess paragrafu fejn hemm imsemmi n-numru '210' fejn hemm l-ammont ta' mitejn u hamsa w ghoxrin lira fil-hames linja tal-istess tieni paragrafu a fol 31, din ghandha tigi kancellata s-somma ta' mitejn u hamsa w ghoxrin lira maltin u sostitwita bl-ammont ta' circa tmin mija w ghoxrin lira maltin. Ix-xhud ghamel referenza wkoll ghax-xhieda tieghu tat-tmienja t'April 2008 a fol 14 tal-atti u talab li jaghmel korrezzjoni fis-sens li fit-tielet paragrafu l-ahhar linja fejn hemm s-somma ta' *hundred thirty one square metres*, din ghandha tinqara *hundred and eighty seven*

*square metres*. Qal li t-tielet paragrafu tat-tieni faccata a fol. 15 l-ammont ta' *hundred and thirty seven square metres* ghandu jinqara *hundred and eighty seven square metres*. Zied jghid li hu hassu urtat b'dak d-diskors ghaliex fid-diskors tieghu Dr Alfred Sant kien ghamel referenza ghal Alfred Portelli. Qal li dan kien qal li effettivament l-media kienet ghamlet sensiela ta' progoganda kontra tieghu u wara rrizulta li dik l-kritika kollha li ghamlet l-*media*, kienet gidba. Qal li imbaghad harget li kienu qeghdin jigdbu fuqu. Zied jghid li fil-fehma tieghu, Dr. Alfred Sant ghamel l-istess haga fil-konfront tiegbhu u b'hekk hass li dahhlu fil-kredu ta' Alfred Portelli. Ix-xhud esibixxa *acquisition order* bhala Dok. Z (fol. 43) kif wkoll l-*contribution*, l-kont u l-ircevuta maghmula minnu bhala Dok. Z 1 (fol. 41) .

Illi nhar l-hamsa (5) ta' Frar 2009, **l-attur** rega' xehed in kontr'ezami (fol. 51) fejn ghamel referenza ghall-artikolu li deher fil-gazzetta 'L-Orizzont' tat-tlettax (13) t'Awwissu 2007 fejn l-editur ta' din il-gazzetta rrapporta affarijiet differenti milli effettivament qal Dr. Alfred Sant dakinhar. Qal li Dr. Alfred Sant ghamel diversi kummenti dwar korruzzjoni fil-konfront ta' diversi kollegi tieghu. Qal li sema diversi nies u diversi kazijiet u hu, bhala l-attur, hass li l-artikolu ntitolat "*Gvern ikkankrat bil-korruzzjoni*" kien ingurjah ghaliex lilu kien dahhlu f'keffa ta' parti mill-gvern li kien ikkankrat bil-korruzzjoni, naturalment kif kien allega Dr. Alfred Sant. Qat li waqt li Dr. Sant fl-intervista li huwa ta, l-ewwel semma nies li fil-fehma tieghu kienu korrotti w imbaghad mar u ghadda biex tkellem fuq Alfred Portelli li sussegwentement hareg li effettivament ma kienx korrott izda li n-nies kitbu fuqu w imbaghad dar fuqu bhala l-attur, u b'hekk hu (l-attur) ried ifisser li Dr. Alfred Sant li fil-fehma tieghu hu ma kienx korrott ghax hu (l-attur) kien ser jigrilu kif kien gralu Alfred Portelli waqt li l-editur f'dan l-artikolu m'ghamilx din r-referenza.

Illi nhar s-sittax (16) ta' Settembru 2009, xehed l-konvenut **Frans Ghirxi** (fol. 60) fejn qal li l-artikolu li hu ppubblika fil-gazzetta 'L-Orizzont' nhar t-tlettax (13) t'Awwissu 2007, jirrifletti stqarrija li giet mibghuta lilhom mill-Partit Laburista u huma ppubblikawha. Qal li huma m'ghamlu ebda tibdil

f'din l-istqarrija. Qal li kopja tal-istqarrijiet li jircievu huma ma jkollhomx peress li jkunu kontinwi. Ix-xhud ikkonferma li jaqbel li dakinhar li hareg dan l-artikolu, hu kien l-editur tal-gazzetta w ikkonferma wkoll li dak li pproduca kien b'mod verbali tal-istqarrija li kien ircieva.

Illi nhar l-hmistax (15) ta' Dicembru 2009 xehed **Mark Farrugia** prodott mill-konvenut (fol. 66) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' *personal assistant* ta' Dottor Joseph Muscat u fis-sena 2007 hu kien jokkupa l-kariga ta' *Media Officer* tal-Partit Laburista. Qal li hu gie mitlub sabiex jesibixxi kopja tal-*press release* li hareg l-Partit Laburista nhar t-tlettax (13) t'Awwissu 2007 u esibixxa kopja taghha bhala Dok. Z (fol. 67 et seq).

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawza ma hemmx wisq provi salv ix-xhieda tal-kontendenti u xi provi dokumentarji.

L-attur jghid fix-xhieda tieghu li huwa kien applika ghal kumpens fis-sena 2005 ghall-art li giet mehuda minghadu fis-sena 1987 u giet esproprjata u mehuda ghall-uzu pubbliku sabiex ghaddiet triq gewwa iz-Zurrieq. L-attur jghid li qatt ma ircieva in-*notice to treat* u wara tmintax il-sena ddecieda li japplika ghall-kumpens u hekk ghamel u wara ftit ta' zmien, inghata s-somma ta' sebgha u sittin elf lira maltin (LM67,000). Huwa jghid li l-procedura li ntuzat kienet wahda normali li tintuza ma kwlaunkwa persuna ohra u fil-fatt esebixxa kuntratt li jindika li effettivament hemm min thallas b'rata ghola f'sitwazzjoni ta' kumpens moghti fuq tehid ta' art.

Minn naha l-ohra, l-konvenut qed ighid li huwa mhux qed jikkontesta il-quantum, izda stqarr li l-artikolu huwa miktub minnu u jikkonsisti f'opinoni, ghaliex huwa kellu d-dubbju tieghu dwar is-sistema li ntuzat sabiex l-attur ikkwalifika ghal dan il-kumpens.

Illi ghalhekk, jehtieg li ssir referenza ghall-artikolu nnifsu sabiex jigi stabilit jekk b'dak li qal il-konvenut, l-attur kienx gustifikat li jhossu malafamat w ingurjat.

Minn qari ta’ dan l-artikolu jirrizulta li l-konvenut kien qed jaghmel refernza ghas-somma flus li rcieva l-attur fl-ammont ta’ kwazi sebghin elf lira maltin (LM70,000) u dan bhala rigal mill-Gvern. Dan ifissr li bla dubbju ta’ xejn, il-qarrej ordinarju jifhem li l-allura l-Onorevoli Ministru Ninu Zammit inghata somma flus ta’ xejn, minghajr ebda raguni u cioe meta ma kienx intitolat ghal tali somma. Il-konvenut jispjega li verament l-attur kellu bicca art li ttiehditlu u hu jispjega li ma kienitx aktar wiesgha mill-wisgha ta’ bankina u li taghha nghata s-somma fuq citata. Ma jghidx kemm kienet twila jew x’metri kwadri kien fiha w ghalhekk il-qarrej ordinarju jahseb li l-Onorevoli Ministru nghata s-somma fuq citata ghal xi feles art. Il-konvenut jghid li huwa ghandu d-dubbju tieghu dwar il-procedura li ntuzat f’dan il-kaz peress li l-art giet mehuda fis-sena 1987, l-attur applika ghal kumpens fis-sena 2005 u t-talba tieghu giet milqugha ftit wara, meta ‘n effetti kien ghad hemm numru kbir t’individwi u familji Maltin li kienu ghadhom qed jsitennew il-kumpens taghhom.

**Konsiderazjonijiet legali:-**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-aspetti legali tal-kaz, irid jinghad li kull att li bih stampat jigi jew jista’ jigi mxandar jew komunikat, jaqa’ taht l-eghmejjel li jistghu jitqiesu mill-Att dwar l-Istampa bhala “pubblikazzjoni”.

Illi l-azzjoni ta’ libell mahsuba fil-Kap 248, trid titqies bhala azzjoni specjali li l-ghejun taghha fil-bidu, kienu mahsuba li jwettqu forma ta’ kontroll dwar dak li jinkiteb jew jigi mxandar fil-gurnali. Mal-medda tas-snin, ix-xejra bdiet iddur favur il-harsien tal-fama tal-individwu minn dak li jista’ jinkiteb jew jinghad dwaru fil-mezzi stampati, fid-dawl tal-jedd l-iehor fondamentali tal-espressjoni hielsa tal-fehmiet ta’ dak li jkun.

L-azzjoni ta’ libell hija ghalhekk azzjoni eccezzjonali li wiehed idur ghaliha biss f’kaz fejn l-unur u l-gieh ta’ persuna, jkunu gew imkasbrin jew miftuha ghad-disprezz tal-pubbliku b’dak li jinghad jew jigi mxandar dwaru.

Fil-qafas ta’ dawn il-parametri, u kif imfissra mill-aktar sentenzi aggornati tal-Qrati Maltin u barranin dwar din il-kwestjoni, l-ghoti ta’ rimedju li jinghata t’azzjoni bhal din, qieghed kulma jmur, ixaqleb lejn il-jedd tal-espressjoni hielsa. Il-htiega tal-harsien mil-ligi lill-unur u r-reputazzjoni ta’ persuna m’ghandux, b’riflessjonijiet w induzzjonijiet bla qies, johonqu l-espressjoni hielsa (vide App. Krim. Inf. 13.6.1985 fil-kawza fl-ismijiet ***Mifsud Bonnici et vs Farrugia noe et).***

Illi l-jedd tal-espressjoni hielsa, kif imfisser fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u wkoll fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, (liema artikolu hu nkorporat fil-ligi taghna bid-dispozizzjonijiet tal-Att XIV tal-1987 (**Kap 319** tal-Ligijiet ta’ Malta), jigbor fih il-jedd li kull persuna jkollha w izzomm fehmiet bla ndhil minn hadd u li tircievi minghand u tghaddi lil haddiehor idejat u taghrif bla ndhil. Minhabba li dan il-jedd igib mieghu dmirijiet u responsabbiltajiet, ghandu jkun fih xi limitazzjonijiet kif imsemmi fil-ligi u li jkunu mehtiega f’socjeta’ demokratika. Fost dawn il-limitazzjonijiet wiehed isib il-harsien tal-fama u tal-jeddijiet ta’ persuni ohrajn mill-effetti tal-ezercizzju tad-dritt tal-espressjoni hielsa ta’ dak li jkun (Ara Kost. **15.5.1995** fil-kawza fl-ismijiet **Grech vs Prim Ministru** (Kollez. Vol: XXIX.i.148**)**.

Ma jistax ikun ghalhekk, li l-Istampa u l-mezzi l-ohrajn ta’ komunikazzjoni, ma jkunux milquta b’dawn il-limitazzjonijiet (App. Civ. **15.11.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Borg vs Camilleri et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.372**).

Illi t-tifsir moghti mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f’ghadd ta’ kazijiet (Per ezempju, **8.7.1986** fil-kawza ***Lingens vs Austria,*** u wkoll **17.4.1991** fil-kawza ***Oberschlick vs Austria)*** lill-imsemmija dispozizzjonijiet tal-ligi iqis, fost l-ohrajn u b’mod ewlieni, s-siwi tad-dibattitu politiku hieles bhala wahda mis-sisien fejjieda ta’ stat demokratiku. Dan it-tifsir dejjem gharaf bejn kritika li ssir fil-konfront ta’ persuna li hija mdahhla fil-hajja pubblika (jew politika) u persuna li m’hijiex.

Illi l-libell bl-istampa jitwettaq kull meta ssir xi mputazzjoni li tista' ccekken lill-persuna li ghaliha tirreferi (kemm jekk espressament jew b'implikazzjoni) fl-istima jew il-gieh tas-socjeta' lejha, u dan billi timmira li taqta' lil dik il-persuna mill-istess socjeta', jew li tesponiha ghad-disprezz jew mibeghda taghha.

Min-naha l-ohra, il-kritika ta' persuna, l-izjed jekk dik il-persuna tkun imdahhla fil-qasam pubbliku, (App. Civ. **1.2.1988** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Vella et)***, ma ssirx minnufih passibbli ghas-sanzjonijiet tal-libell jekk kemm il-darba tkun wahda serja, oggettiva u meqjusa, wkoll jekk tkun harxa u qawwija (App. Krim. **23.4.1963** fil-kawza fl-ismijiet ***X vs Y*** (Kollez. Vol: **XLVII.iv.1261)**.

Minn dan johrog li l-ezami ewlieni li ghandu jaghmel il-gudikant, huwa dak li jqis jekk il-kliem ippubblikat jew imxandar, jikkawzax lill-persuna li ghaliha dik il-pubblikazzjoni jew xandira tirreferi, nuqqas ta' stima f'ghajnejn min ikun qraha jew semaghha. Tali "udjenza" ghandha tigi meqjusa bhala qarrejja jew semmiegha ta' dehen normali li jkunu taw lill-kliem pubblikat jew imxandar it-tifsira normali tieghu (P.A. FGC **8.10.1993** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Victor Pace vs Joe Azzopardi et).***

Illi ghar-rigward ta' persuna fil-qasam pubbliku, u partikolarment fil-qasam politiku, l-livell ta' kritika li l-Ligi tal-istampa tittollera, huwa x'aktarx gholi, azzardat u wiesgha, u cirkoskritt biss minn prova ta' hazen jew infondatezza tal-fatti msemmija jew mid-dicenza pubblika jew xilja ta' abdikazzjoni ta' dmirijiet imposti fuqha. Meta l-persuna li ghaliha ssir riferenza fil-pubblikazzjoni jew ix-xandira li tkun m'hijiex persuna fizika, imma wahda guridika, l-qilla tal-kritika u t-olleranza taghha, hija usata sal-grad li mbasta tkun tollerabbli f'socjeta' demokratika (App. Civ. **8.11.1995** fil-kawza fl-ismijiet ***Gauci vs Schiavone noe et)***.

F'dan il-kaz, il-principju tal-espressjoni hielsa huwa mirfud bil-kwestjoni tal-interess pubbliku li normalment jimmotiva l-kritika misthoqqa li ghandha ssir dwar persuna nvoluta

fil-hajja pubblika (Ara, per ezempju, P.A. **2.11.1989** fil-kawza fl-ismijiet ***Coleiro vs Schiavone et***; u P.A. **11.1.1990** fil-kawza fl-ismijiet ***Borda vs Sant )*** wkoll jekk il-kritika tolqot il-hajja privata tal-personagg pubbliku.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ghamla tal-kritika li ssir, jinghad li wahda mill-forom li tintuza hija l-kumment. Bhalma timplika l-kelma nnifisha, 'kumment' m'huwiex semplici stqarrija ta' fatt, imma tifsira ta' jew fehma dwar fatt li sehh (**Gatley**, ***Libel & Slander***, 8 ediz., par. 697, pag. 294), ukoll jekk tkun tifsira pregudikata jew partiggjana.

Fil-qasam politiku, mbaghad, il-kumment jista' jkun mahsub biex johloq xkiel jew jaghmel hsara politika lil xi persuna nvoluta jew biex sahansitra jqanqal disgwid jew tahwid fil-kamp politiku oppost.

Illi huwa accettat li jekk il-kumment ikun "gust", ma jaqax taht il-pieni tal-malafama jew tal-libell. Il-kwestjoni ta' kummenti li jitqiesu bhala "gusti" hija wahda li taghti lok ghal problemi kbar minhabba li mhix wahda cara (Ara **Gatley**, *op. Cit.*, par. 707, pag. 299-300).

Biex il-kumment ikun wiehed "gust", jehtieg li jkun imsejjes fuq hwejjeg li sostanzjalment sehhew u li jkunu l-fatti shah (App. Civ. **21.1.1993** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech pro et noe vs Montanaro et***).

Jekk jirrizulta li l-fatt allegat ma kienx attwalment jezisti, ma tkunx tista' tregi aktar id-difiza tal-kumment gust (App. Civ. **13.1.2000** fil-kawza fl-ismijiet ***Rizzo Naudi vs Agius et )***.

Il-fatt irid jigi pruvat kif imiss minn min jallega l-kumment gust dwaru (App. Civ. **10.12.1991** fil-kawza fl-ismijiet ***Debono vs Callus et*** (Kollez. Vol: **LXXV. ii.** 495) u wkoll App. Civ. **14.2.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Sant vs Camilleri et***, daqskemm tant iehor irid jipprova li s-suggett li dwaru nkiteb tali kumment, kien wiehed t'interess pubbliku u li l-kumment kien tassew wiehed "gust" (**Gatley** *op. cit.*, Par. 747, pa. 324-5).

Kif jintwera li l-fatti msemmija kienu sostanzjalment minnhom, ikun jifdal li jigi mistharreg jekk il-fehma espressa dwarhom jew l-apprezzament jew kritika misluta minnhom, kinitx fil-limiti tal-jedd tal-espressjoni hielsa kif imfissra aktar qabel.

Illi, fuq kollox, l-artikolu jew ix-xandira li trid tigi mistharrga, trid titqieghed fl-isfond tal-attwalita' u fil-qafas tac-cirkostanzi li tkun saret il-pubblikazzjoni jew xandira li tkun (App. Civ. **4.2.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech pro et noe vs Callus et*).**

Illi l-konvenut fid-difiza tieghu jecepixxi li huwa rraporta dak li gie rapurtat fil-*media release* tal-Labour Party w ghalhekk agixxa ai termini tal-artikolu 12A tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta w in oltre jghid ukoll li kollox sar in konformi mad-dmir tieghu li jwassal lill-pubbliku taghrif dwar dak li jkun qed jigri u qed jinghad u li jkun t'interess pubbliku, kif in dubbjament hu dan il-kaz.

Il-Qorti ghalhekk ezaminat din il-*press release* esibita a fol.67 tal-process datata tnax (12) t'Awwissu 2007 intitolata "*Ghandna Gvern ikkankrat bil-korruzzjoni". -* B'referenza ghat-tema 'n diskussjoni, Dr.Alfred Sant kien irraporta s-segwenti taht is-sub titolu "***Rigal ta Lm70,000 lil Ninu Zammit:-***

**"***Hawnhekk il-Mexxej Laburista irrefera ghal kaz li jikkoncerna lil Ministru Ninu Zammit. Dr. Sant semma kif Ninu Zammit inghata kumpens ta' LM70,000 li qal li huwa sejjahlu rigal ta LM70,000 tali ittiehditlu strippa zghira ta art biex it-triq ta quddiem tkun tista issir dritta. Waqt li rrimarka li huwa jaf b'hafna nies li fl-interess pubbliku ittiehditilhom xi bicca art biex tkun irrangata t-triq taghhom. Dr. Sant talab lil Ninu Zammit biex jispjega kif inghata dan ir-rigal ta' Lm70,000 u mhux igib ruhu daqs li kieku xejn mhu xejn.*

*L-affarijiet ma jigrux b'kumbinazzjoni, qal il-Mexxej Laburista, li sfida lil Ninu Zammit biex jekk irid jghamillu libel. Dwar l-argument li jsir biex ma jsirux attakki personali Dr. Sant wiegeb billi fakkar kif kienu gabu*

*ruhhom fl-1998 in-Nazzjonalisti fil-konfront tal-Ministru Laburista Freddie Portelli biex wara fil-Qorti hareg li kollox kien ibazat fuq gideb sfaccat*."

Issa bhala fatt l-konvenut fl-artikolu tieghu li deher fil-'L-Orizzont' tal-harga ta' nhar it-tlettax (13) t'Awwissu 2007 jintitolah bl-istess mod bhal *press release* u cioe '**Gvern Ikkankrat bil-Korruzzjoni'.**

Il-konvenut fl-artikolu tieghu rrapporta dak li kien qal Dr. Alfred Sant w ghalhekk veru dak li jghid fl-eccezzjoni tieghu li huwa xandar dak li kien gie rappurtat fil-*press release*.

**Privilegg kwalifikat**

Il-konvenut qed jeccepixxi li l-pubblikazzjoni *de quo* hija koperta mill-Privilegg Kwalifikat taht l-Art. 12A tal-Kap 48. Huwa jsostni li l-pubblikazzjoni tirrifletti *press release* li hareg Dr Alfred Sant biex japplika l-privilegg kwalifikat il-Ligi fl-artikolu 12A tal-Kap 248 ibid tipprovvdi li:-

"*Fi proceduri mehuda in forza ta' dan l-Att tkun difiza ghall-editur jew ghar-responsabbli ghall-pubblikazzjoni li jipprova li l-informazzjoni pubblikata kienet tikkonsisti f'rapport preciz ta' diskors li sar f'avveniment pubbliku mportanti minn persuna ddentifikata u li kienet taf jew ragonevolment setghet tkun taf jew tistenna li l-kontenut ta' dak id-diskors se jigi pubblikat f'gazzetta jew f'mezz tax-xandir, u li l-pubblikazzjoni tal-istess diskors kienet ragonevolment gustifikabbli f'socjetà demokratika*".

Id-difiza tal "*qualified privilege*" *gives immunity from libel actions, when newspapers can prove a "duty to publish" articles which the public has a "right to know".* Fil-Qrati Inglizi din d-difiza hija maghrufa bhala r-**Reynolds defence** u li tikkonsisti li '*in certain circumstances journalists can report allegations of a serious nature without having to prove that they are true. It offers newspapers, within closely circumscribed limits, immunity from libel actions provided they acted responsibly and in good faith and the publication was in the public interest'.*

Ghalhekk, apparti l-kondizzjonijiet imsemmija fil-ligi, f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti trid tezamina jekk il-publikazzjoni kienitx fl-interess pubbliku u jekk kienx hemm hazen.

L-esposizzjoni klassika ta' x'inhu '*malice*' f'dan il-kuntest hija dik ta' **Lord Diplock f'Horrocks v Lowe (1975)** fejn qalet li:-

"*If the defendant used the occasion for some reason other than the reason for which the occasion was privileged he loses the privilege. Thus, the motive with which the statement was made is crucial. If desire to injure was the dominant motive the privilege is lost*".

L-ewwel nett skond l-artikolu 12A tal-Kap 248, hu initolat ghal din d-difiza l-Editur jew il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni.

Fil-kaz in ezami Frans Ghirxi kien l-Editur (ara Dok. CSH a fol. 20) w ghalhekk jista jqanqal id-difiza taht dan l-artikolu.

Inoltre, skond l-istess artikolu 12A, biex ikun hemm din d-difiza ta' privilegg kwalifikat, il-konvenut irid jipprova li l-informazzjoni pubblikata, kienet tikkonsisti f'rapport preciz ta' diskors li sar f'avveniment pubbliku.

Dwar x'inhu rapport préciz ta' diskors pubbliku, fis-sentenza
Tal-**Cassazione** tad-dsatax (19) ta' Dicembru 2001, **Numru 15999** gie deciz li f'kazijiet simili:-

"*La pubblcazione del contenuto diffamatorio "*trid tkun*" priva di rilievo…* u *riprodotta in forma impersonale ed oggettiva, quale (da) semplice testimone, senza dimostrare, cioe`, con commento o altro, di aderire comunque al suo contenuto diffamatorio ed abbandonare, cosi`, la necessaria posizione di narratore ascettico ed imparziale del fatto*".

Illi wara li saru dawn l-osservazzjonijiet ta’ dritt, jixraq li jigu meqjusa l-aspetti ta’ fatt li johorgu fil-kaz prezenti.

Jekk wiehed ihares lejn il-fatti msemmija fl-artikolu miktub mill-imharrek, dan ghandu jsib li dawn il-fatti, mehudin wiehed wiehed, mhumiex sostanzjalment minnhom.

Fiz-zmien li nghata l-kumpens, l-konvenut kien jokkupa l-kariga ta’ Ministru tal-Gvern fdat bir-responsabbilta’ tat-Toroq, ghal art li giet esproprjata u dan tmintax il-sena qabel. Izda pero zgur li ma giex ppruvat li dak li rcieva, kien rigal, izda dritt li kien intitolat ghalih skond il-provi prodotti mhux kontestati.

Illi raguni wahda setghet kienet il-hsieb wara dik il-kitba: li jwassal messagg fil-qarrej li l-attur ma kienx agixxa b’mod korrett u li uza l-pozizzjoni gholja tieghu biex iffavorixxa lilu innifsu.

Mill-provi mressqa mill-attur, li ma humiex kontestati mill-konvenut, jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti, li verament l-artikolu ntitolat “*Rigal lil Ninu*” huwa ngurjuz fil-konfront tal-konvenut u kien mahsub biex ittelliflu l-gieh u l-istima tieghu u ma jammontax ghal *fair comment pero minhabba dak li hemm mahsub fl-Artikolu 12A tal-Kap 248, il-Qorti ma tistax tilqa it-talba attrici u dan ghaliex zgur li ma jirrizultax l-animus injuriandi tieghu..*

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tiddeciedi billi tiddikjara li ghalkemm l-imharrek konvenut, immalafama lill-attur bil-pubblikazzjoni tal-artikolu tieghu intitolat “*Rigal lil Ninu*” stampat fil-gurnal l-‘Kulhadd’ tal-harga ta’ nhar id-dsatax (19) t’Awwissu 2007, hija mhiex ser takkolji t-talba attrici ghall-likwidazzjoni tad-danni, peress li l-agir tal-konvenut jaqa taht il-privilegg kwalifikat u cioe taht l-artikolu 12A tal-Kap 248.**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza jibqghu bla taxxa.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------